

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Jannar 1987

dwar il-lista ta' l-istabbilimenti fil-Brażil approvati għall-għan ta' importazzjoni ta' prodotti tal-laħam fil-Komunità

(87/119/KEE)

(ĠU L 49 , 18.2.1987, p. 37)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Commission Decision 87/261/EEC of 30 April 1987 (*)	L 123	10	12.5.1987
► M2	Commission Decision 87/440/EEC of 29 July 1987 (*)	L 238	39	21.8.1987
► M3	Commission Decision 88/18/EEC of 22 December 1987 (*)	L 9	14	13.1.1988
► M4	Commission Decision 92/257/EEC of 21 April 1992 (*)	L 128	30	14.5.1992
► M5	Commission Decision 92/485/EEC of 25 September 1992 (*)	L 290	13	6.10.1992
► M6	Commission Decision 94/41/EC of 25 January 1994 (*)	L 22	51	27.1.1994
► M7	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/236/KE tas-26 ta' Ġunju 1995	L 156	84	7.7.1995

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.



ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Jannar 1987

dwar il-lista ta' l-istabbilimenti fil-Brażil approvati għall-għan ta' importazzjoni ta' prodotti tal-laħam fil-Komunità

(87/119/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw kummerċ intra-Komunitarju fi prodotti tal-laħam ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 86/469/KEE ⁽²⁾, u partikolarment b'Artikolu 17(1) tiegħu,

Billi, skond Artikolu 17(1) tad-Direttiva 77/99/KEE, iridu jiffasslu listi ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi awtorizzati għall-esportazzjoni ta' prodotti tal-laħam lejn il-Komunità; billi dawn l-istabbilimenti jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness tad-Direttiva msemmija;

Billi l-Brażil bagħat lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati biex jesportaw prodotti tal-laħam lejn il-Komunità;

Billi spezzjonijiet tal-Komunità fuq il-post urew li l-livelli ta' iġjene ta' xi wħud minn dawn l-istabbilimenti huma suffiċjenti; billi, għalhekk jistgħu jiddaħħlu f'lista inizjali, stabbilita skond Artikolu 17(1) msemmi, ta' stabbilimenti li minnhom importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam jistgħu jiġu awtorizzati;

Billi l-każ ta' stabbilimenti oħra proposti mill-Brażil irid jiġi eżaminat mill-ġdid fuq il-bażi ta' tagħrif addizzjonali dwar l-istandards ta' iġjene u l-kapaċità tagħhom li jadattaw malajr għall-ħtiġijiet tal-Komunità;

Billi, sadattant u sabiex tiġi evitata xi interruzzjoni f'daqqa ta' xejriet ta' kummerċ eżistenti, dawn l-istabbilimenti jistgħu jiġu awtorizzati temporanjament biex ikomplu l-esportazzjonijiet tagħhom ta' prodotti tal-laħam lejn dawk l-Istati Membri li huma preparati li jaċċettawhom;

Billi jkun għalhekk meħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, tiġi emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl ta' miżuri meħuda għal dan il-għan u ta' titjib li jkun sar;

Billi din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-regoli eżistenti tal-Komunità applikabbli għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi; billi jkun għalhekk meħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid din id-Deċiżjoni jekk ir-regoli msemmija qabel ikunu se jiġu modifikati;

Billi, barra minn hekk, skond Artikolu 17(1) tad-Direttiva 77/99/KEE, id-dispożizzjonijiet applikati mod ieħor mill-Istati Membri li jikkonċernaw importazzjoni ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi jistgħu ma jkunux aktar favorevoli minn dawk li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju; billi, f' dan ir-rigward, l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam mill-istabbilimenti li jidhru fuq il-lista fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni tibqa' suġġetta għal leġislazzjoni veterinarja oħra, partikolarment rigward ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimal, u għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam mill-Brażil biss mill-istabbilimenti elenkati fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.

⁽²⁾ ĠU L 275, tas-26.9.1986, p. 36.

▼ **B**

2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu ikomplu jawtorizzaw sal-15 ta' Awwissu 1987 importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam li jiġu minn stabbilimenti li mhumiex elenkati fl-Anness imma li ġew approvati uffiċjalment u proposti mill-awtoritajiet Brażiljani mit-8 ta' Mejju 1986, sakemm ma titteħidx deċiżjoni għall-kuntrarju qabel is-16 ta' Awwissu 1987.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

3. Importazzjonijiet li jiġu mill-istabbilimenti msemmin fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji preskritti fi bnadi oħra, partikolarment rigward ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimal.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika b'effett mill-15 ta' Jannar 1987.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta u jekk ikun meħtieġ emendata qabel is-16 ta' Awwissu 1987.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼ **M7***ANNESS***LISTA TA' STABILIMENTI**

Nru ta' Approvazzjo-ni		Stabiliment	Indirizz
SIF	7	Swift Armour AS Indústria e Comércio	Santana do Livramento, Rio Grande do Sul
SIF	10	Swift Armour AS Indústria e Comércio	São Paulo, São Paulo
SIF	76	Anglo Alimentos SA	Barretos, São Paulo
SIF	226	BE Comércio e Indústria, Importação e Exportação SA	Hulha Negra, Rio Grande do Sul
SIF	337	Frigorífico Bertin Ltda	Lins, São Paulo
SIF	381	Frigorífico Kaiowa SA	Guarulhos, São Paulo
SIF	385	Sadia Oeste SA Indústria e Comércio	Andradina, São Paulo
SIF	458	Swift Armour SA Indústria e Comércio	Presidente Epitácio, São Paulo
SIF	736	Sola SA Indústrias Alimentícias	Três Rios, Rio de Janeiro
SIF	2015	Sadia Oeste SA Indústria e Comércio	Várzea Grande, Mato Grosso
SIF	2979	Frigorífico Araputanga SA	Araputanga, Mato Grosso
SIF	3031	Frigorífico Quatro Marcos LTDA	São José dos Quatro Marcos, Mato Grosso